b) rendikont suċċessiv, bil-preżentata tal-kontijiet tax-xogħolijiet, komposti mill-pjan tax-xogħolijiet u mir-reġistru tal-kontabbiltà, regolarment iffirmati f'kull paġna mid-direttur tax-xogħolijiet u mill-impriża benefiċċjarja u l-verifika u l-validazzjoni ta' dak li jkun ġie eżegwit, fuq il-bażi tal-prezzijiet unitarji msemmija fil-punt a) minn kummissjoni ta' verifika maħtura mill-amministrazzjoni reġjonali kompetenti.

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht Wiesbaden (il-Ġermanja) fl-20 ta' Jannar 2021 – Hauptpersonalrat der Lehrerinnen und Lehrer beim Hessischen Kultusministerium

**(Kawża C-34/21)**

(2021/C 98/14)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Verwaltungsgericht Wiesbaden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Hauptpersonalrat der Lehrerinnen und Lehrer beim Hessischen Kultusministerium

*Konvenut:* Der Minister des Hessischen Kultusministeriums

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 88(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (1) għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tkun regola iktar speċifika li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali ta' impjegati fil-kuntest tal-impjiegi fis-sens tal-Artikolu 88(1) tal-imsemmi regolament, dispożizzjoni legali għandha tissodisfa r-rekwiżiti imposti fuq tali regoli mill-Artikolu 88(2) ta' dan ir-regolament?

2) Fil-każ li ma tkunx tidher li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 88(2) tar-Regolament 2016/679, regola nazzjonali tista' xorta waħda tkun applikabbli?

(1) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Varhoven kasatsionen sad (il-Bulgarija) fid-19 ta' Jannar 2021 – "KONSERVINVEST" OOD vs "BULCONS PARVOMAY" OOD

**(Kawża C-35/21)**

(2021/C 98/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

### Qorti tar-rinviju

Varhoven kasatsionen sad

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* "KONSERVINVEST" OOD

*Konvenut:* "BULCONS PARVOMAY" OOD